IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.3.2021
COM(2021) 145 final

ANNEX

ANNESS

għal

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt dwar il-Prodotti Organiċi stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċilì dwar il-kummerċ ta' prodotti organiċi fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu

Anness

DEĊIŻJONI Nru 1 tal-Kumitat Konġunt dwar il-Prodotti Organiċi

ta'... 2021

fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu

IL-KUMITAT KONĠUNT DWAR IL-PRODOTTI ORGANIĊI**,**

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċilì dwar il-kummerċ ta' prodotti organiċi[1] ("il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 8.5 tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt dwar il-Prodotti Organiċi għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.

(2) Għalhekk, jenħtieġ li r-regoli ta' proċedura jiġu adottati,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

REGOLI TA' PROĊEDURA TAL-KUMITAT KONĠUNT DWAR IL-PRODOTTI ORGANIĊI

Artikolu 1

Kompożizzjoni u Presidenza

1. Il-Kumitat Konġunt dwar il-Prodotti Organiċi ("il-Kumitat Konġunt") stabbilit skont l-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea ("UE") u r-Repubblika taċ-Ċilì ("iċ-Ċilì) għandu jwettaq id-dmirijiet tiegħu kif previst fl-Artikolu 8.3 tal-Ftehim.
2. Il-Kumitat Konġunt għandu jkollu żewġ kopresidenti, wieħed mill-UE u ieħor miċ-Ċilì.
3. Kull kopresident jista' jiddelega kull jew kwalunkwe funzjoni ta' kopresident lil deputat innominat, f'liema każ ir-referenzi kollha għall-kopresident minn hawn 'il quddiem japplikaw bl-istess mod għad-deputat innominat.
4. Kull kopresident għandu jaħtar persuna li għandha tkun il-persuna ta' kuntatt għall-kwistjonijiet kollha relatati mal-Kumitat Konġunt. Il-persuni ta' kuntatt maħtura mill-kopresidenti għandhom ikunu responsabbli b'mod konġunt għad-dmirijiet segretarjali tal-kumitat konġunt.

Artikolu 2

Laqgħat

Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' darba fis-sena, jew fiżikament fl-UE u fiċ-Ċilì b'mod li jalterna, jew inkella elettronikament permezz ta' vidjokonferenza jew telekonferenza. Il-post

[1] ĠU L 331, 14.12.2017, p. 4.

u l-mod kif dan isir għandhom jiġu miftiehma b'mod reċiproku mill-Partijiet, iżda mhux aktar tard minn 90 jum minn meta xi Parti minnhom tressaq it-talba biex jiltaqgħu.

Artikolu 3

Segretarjat

L-uffiċjal tal-Kummissjoni Ewropea u l-uffiċjal tas-segretarjat tar-Relazzjonijiet Ekonomiċi Internazzjonali taċ-Ċilì għandhom jaġixxu b'mod konġunt bħala s-segretarjati tal-Kumitat Konġunt.

Artikolu 4

Korrispondenza

1. Għandha tintbagħat kopja tal-korrispondenza kollha relatata mal-Kumitat Konġunt liż-żewġ segretarjati.
2. Il-korrispondenza tista' ssir permezz ta' kwalunkwe mezz bil-miktub, inkluża l-posta elettronika.

Artikolu 5

Aġendi għal-laqgħat

1. Għandu jitfassal abbozz ta' aġenda mis-segretarjati qabel kull laqgħa. L-abbozz ta' aġenda għandu jinkludi kwalunkwe punt kopert mill-Artikolu 8.3 tal-Ftehim. L-abbozz ta' aġenda għandu jintbagħat lill-kopresidenti mhux aktar tard minn 20 jum tax-xogħol qabel tibda l-laqgħa.
2. Għandha tiġi ċċirkolata aġenda finali lill-kopresidenti mill-inqas ħamest ijiem qabel tibda l-laqgħa.
3. L-aġenda għandha tiġi adottata mill-kopresidenti b'mod konġunt fil-bidu ta' kull laqgħa. Kwalunkwe punt ieħor minbarra dawk li jidhru fl-aġenda jista' jitqiegħed fuq l-aġenda jekk il-kopresidenti jaqblu dwar dan.

Artikolu 6

Modifika tal-Anness I jew tal-Anness II tal-Ftehim

1. Kull Parti tista' titlob li żżid, tneħħi jew taġġorna l-prodotti fil-lista ta' prodotti fl-Anness I jew fl-Anness II tal-Ftehim.
2. It-talba għandha tintbagħat lill-kopresidenti mhux aktar tard minn 10 jiem tax-xogħol qabel il-bidu tal-laqgħa.
3. It-talba għandha tinkludi fajl komplut li jkun fih l-argumenti ewlenin biex jiżdiedu, jitneħħew jew jiġu aġġornati l-prodotti fil-lista.
4. Kull Parti għandha teżamina t-talba tal-Parti l-oħra soġġett għar-rekwiżiti u l-proċeduri legali applikabbli rispettivi tagħhom.

Artikolu 7

Deċiżjonijiet u Rakkomandazzjonijiet

1. Il-Kumitat Konġunt jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet u jadotta deċiżjonijiet b'konsensus kif previst fl-Artikolu 8.5 tal-Ftehim.

2. Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta Deċiżjoni biex jimmodifika l-Anness I jew l-Anness II tal-Ftehim f'konformità mal-Artikolu 8(3)(b) tal-Ftehim jekk l-ekwivalenza tkun rikonoxxuta mill-Parti l-oħra.

3. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt biex isir rieżami tal-Ftehim f'konformità mal-Artikolu 11.2 tal-Ftehim għandhom jiġu indirizzati lill-Partijiet u għandhom juru l-firem tal-kopresidenti.

Artikolu 8

Minuti

1. L-abbozz tal-minuti ta' kull laqgħa għandu jitfassal mis-segretarjati fi żmien 30 jum minn tmiem il-laqgħa. L-abbozz tal-minuti għandu jiddikjara r-rakkomandazzjonijiet u/jew id-deċiżjonijiet meħuda u jinnota kwalunkwe konklużjoni oħra li tintlaħaq.

2. Il-minuti għandhom jiġu approvati bil-miktub miż-żewġ Partijiet fi żmien 60 jum mid-data tal-laqgħa jew minn kwalunkwe data oħra li jiftiehmu dwarha l-Partijiet. Hekk kif jiġu approvati, iż-żewġ kopji oriġinali għandhom jiġu ffirmati mill-kopresidenti. Għandha tinżamm kopja oriġinali tal-minuti minn kull kopresident.

Artikolu 9

Spejjeż

1. Kull Parti għandha ġġarrab l-ispejjeż li toħroġ biex tieħu sehem fil-laqgħat tal-Kumitat Konġunt.

2. In-nefqa b'rabta mal-organizzazzjoni tal-laqgħat u mar-riproduzzjoni tad-dokumenti għandha titħallas mill-Parti li tkun qiegħda tospita l-laqgħa.

Artikolu 10

Pubblikità u Kunfidenzjalità

1. Id-deliberazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandhom ikunu kunfidenzjali.

2. Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor mill-kopresidenti, il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt ma għandhomx ikunu pubbliċi.

3. Meta Parti tissottometti informazzjoni meqjusa bħala kunfidenzjali skont il-liġijiet tagħha, il-Parti l-oħra għandha tittratta dik l-informazzjoni bħala kunfidenzjali kif previst fl-Artikolu 10 tal-Ftehim.

4. Kull Parti tista' tiddeċiedi dwar il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt fil-pubblikazzjoni uffiċjali rispettiva tagħha.